

**Emenda 3****Irene Tinagli**

f' isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

**Rapport****A9-0030/2023****Jonás Fernández**

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, għar-riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, għar-riskju operattiv, għar-riskju tas-suq u għall-minimu tal-output

(COM(2021)0664 – C9-0397/2021 – 2021/0342(COD))

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva****Paragrafu 1a (ġdid)***Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**Emenda*

***1a. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;***

Or. en

Għal skopijiet ta' informazzjoni, it-test tad-dikjarazzjoni huwa li ġej:

**“Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikolu 1, il-punt (253), tar-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Artikolu 518c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li twettaq valutazzjoni ġusta u bilanċjata tal-istat tas-Suq Uniku għall-qasam bankarju, filwaqt li tqis b'mod partikolari r-rekwiżiti prudenzjali, inkluż il-livell ta' applikazzjoni tal-minimu tal-output u d-dispożizzjonijiet dwar id-deroga mir-rekwiżiti tal-kapital u tal-likwidità. Hija se twettaq dan il-mandat abbażi ta' kontributi mill-Awtorità Bankarja Ewropea u mill-Bank Ċentrali Ewropew/mill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, u se tikkonsulta mal-partijiet interessati biex tiżgura li l-perspettivi varji jiġu kkunsidrati kif xieraq. Il-Kummissjoni, meta xieraq, se tippreżenta proposta leġiżlattiva bbażata fuq ir-rapport.”